**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 120/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Christian Roger Marlin ta' 31 sena, iben**
**Roger u Nathalie nee Spiteri,**
**mwieled l-Amerika fil-25 ta' Frar, 1968**
**u residenti Block 7, Flat 3, Triq Enrico Mizzi,**
**Ta' Xbiex, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 13473(A).**

**Illum 5 ta' Frar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Christian Roger Marlin li gie akkuzat talli fit-8 ta' Jannar, 1999 ghal-habta tal-5.00 a.m. gewwa Paceville, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe kisser hgiega tal-fond 'Generator' ghad-dannu ta' Maria Filippa Bondin, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 ( C ) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, waddab fliexken tal-hgieg lejn id-direzzjoni ta' hgiega ta' bini ta' haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 ( c ) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 ( m) tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll li hu kien wiegeb li ma kienx hati ta' l-istess akkuzi.

Rat ukoll li fil-verbal tat-30 ta' Mejju, 2001 Dr Despasquale ghall-kwerelant irtira l-istess kwerela.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi oltre ghall-fatt li parte leza tista' tirtira kwerela b'mod effettiv f'dawn il-kawzi biss jekk id-dannu jsir fi propjeta' pubblika, tqis li ma tressqet ebda prova sufficjenti li twassal biex dan il-kaz jigi pruvat. Ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.